MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 102/2005

Carmelo sive Charles Galea

vs

Rosina Cardona

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob lil dan t-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta Rosina Cardona li thallsu l-bilanc tal-prezz tal-bejgh ta’ vettura tat-tip Toyota Hilux bin-numru ta’ registrazzjoni GAQ 715 fl-ammont ta’ hames mitt liri maltin (Lm500), li kien gie mibjugh u ikkonsenjat lilha mill-attur. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta tal-konvenuta li tghid hekk :-

“Preliminarjament illi hija m’hijiex il-legittimu kontradittur stante li l-bejgh in kwistjoni sar lil binha, James Cardona,

kif jirrizulta mill-iskrittura tal-istess bejgh tas-6 ta’ Settembru 1999 (Dokument A);

Preliminarjament ukoll irid jinghad li l-allegat debitu naxxenti minn skrittura ta’ bejgh ta’ vettura, liema dejn jaqa’ taht amministrazzjoni straordinarja [artikolu 1322(3)(g) tal-Kodici Civili];

Preliminarjament ukoll il-preskrizzjoni kemm ta’ hames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili kif ukoll dik ta’ tmintax (18) il-xahar a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-istess Kodici;

Illi fil-meritu u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li hija m’hijiex debitrici lejn l-attur ghal ebda ammont ta’ flus.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.”

Ra wkoll l-eccezzjonijiet ulterjuri li gew sollevati fl-udjenza tal-11 ta’ Gunju 2007, u cioe’ :-

Illi d-dokumenti illi jirregolaw ir-relazzjoni bejn il-partijiet u li fuq wiehed minnhom huwa bbazat il-mertu ta’ dan l-avviz, huma nulli billi huma milquta minn kawza illecita, u ghalhekk ma jistghux jigu nforzati bil-konsegwenza li l-eccipjenti ghandha tigi lliberata mid-domanda tal-attur;

Illi hemm in-nuqqas ta’ interess guridiku fl-attur li jippromwovi dan l-avviz stante li l-bilanc tal-prezz li qed jitlob mhuwiex dovut lilu.

Sama’ il-provi li ressqu l-partijiet dwar l-eccezzjonijiet preliminari kollha sollevati fir-risposta u dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati fl-udjenza tal-11 ta’ Gunju 2007;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Sama’ lill-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Illi din hija azzjoni ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-bejgh ta’ vettura Toyota Hilux bin-numru ta’ registrazzjoni GAQ 715. Tajjeb li qabel xejn jigu elenkati fil-qosor dawn il-fatti li jirrizultaw mill-provi in atti :

(i) Illi l-vettura meta nbieghet lill-konvenuta ma kenitx tal-attur izda kienet ta’ certu Joseph Demicoli, u t-trasferiment minn fuqu ghal fuq il-konvenuta sar fis-16 ta’ Settembru 1999;

(ii) Minkejja li l-vettura ma kenitx tal-attur, huwa personalment dahal f’kuntratt ta’ bejgh mal-konvenuta ghall-bejgh ta’ din il-vettura fis-6 ta’ Settembru 1999, u pprezenta ruhhu bhala s-sid ta’ din il-vettura. Dan jirrizulta mid-dokument A esibit mill-attur mal-avviz tat-talba tieghu a fol.4;

(iii) Fl-istess jum l-istess attur dahal f’kuntratt iehor ma’ James Cardona, iben il-konvenuta, ghall-bejgh tal-istess vettura lill-imsemmi James Cardona bi prezz li jvarja mill-prezz indikat fil-kuntratt li sar mal-konvenuta. F’dan il-kuntratt l-attur ipprezenta ruhhu wkoll bhala sid il-vettura. Dan kollu jirrizulta mid-dokument A esibit mill-konvenuta mar-risposta taghha a fol.11;

(iv) Mad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet tal-Vetturi, isem l-attur jidher biss bhala xhud tal-firem u identita’ meta sar it-trasferiment tal-vettura minn fuq il-konvenuta Rosina Cardona ghal fuq James Cardona u ma jidher mkien meta sar it-trasferiment minn fuq Joseph Demicoli ghal fuq il-konvenuta;

(v) Mir-records tal-istess Dipartiment, l-attur bl-ebda mod ma kien involut fil-bejgh jew akkwist ta’ din il-vettura . It-trasferiment tal-vettura sar minn fuq Joseph Demicoli ghal fuq Rosina Cardona, u sar soggett ghar-regolament hamsa u ghoxrin (25) billi l-prezz tal-bejgh ma kienx sarx kollu f’daqqa imma sar bin-nifs. Dan il-prezz thallas fit-2 ta’ Awwissu 2001, meta dak iz-zmien id-Dipartiment ta l-

kunsens tieghu ghat-tnehhija tal-effetti tar-regolament hamsa u ghoxrin (25), u dan billi l-prezz kien gie dikjarat li thallas kollu, u mbaghad sar it-trasferiment tal-vettura minn fuq il-konvenuta ghal fuq binha. It-trasferiment minn fuq il-konvenuta ghal fuq binha James Cardona sar minghajr ma kien gie soggett ghal *hire purchase terms*.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni mqajma mill-konvenuta li hija mhijiex il-legittimu kontradittur, din hija insostenibbli billi mill-kuntratt dokument A tas-6 ta' Settembru 1999, esibit mal-avviz tat-talba u li jinsab a fol.4 tal-process, li fuqu l-attur qed isejjes il-kawza tieghu, jirrizulta car li dak il-kuntratt kien sar bejn l-attur u l-konvenuta. Il-konvenuta innifisha ma tichadx li ffirmat dan il-ftehim mal-attur u taghti r-ragunijiet taghha l-ghaliex iffirmatu. Dan qed jinghad indipendentement u bla pregudizzju ghal kwistjoni l-ohra jekk il-ftehim *de quo* huwiex wiehed lecitu u validu, li hija kwistjoni li tesorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-attur agixxa skorrettement meta pproceda kontra l-konvenuta, u ghaldaqstant l-azzjoni attrici in kwantu diretta kontra l-konvenuta saret korrettement, u din l-eccezjoni qeghhdha ghalhekk tigi michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Illi a rigward l-eccezzjonijiet l-ohra pero', l-azzjoni attrici difficilment li tista' tirnexxi. A rigward it-tieni eccezzjoni, skond l-artikolu 1322(3)(g) tal-Kodici Civili, l-akkwist ta' proprjetà mobbli jew ta' xi jedd ta' uzu jew tgawdija ta' xi proprjetà mobbli jew immobbli li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel, huwa kunsidrat bhala att ta' amministrazzjoni straodrinarja, u bhala tali l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawn l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu tmiss liz-zewg partijiet flimkien [Appell Civili, **John Baptist Tabone et vs Lucy Micallef et**, 04/12/1998]. Mhuwiex kontestat mill-attur li l-ftehim li ghamel mal-kovenuta kien dwar il-bejgh ta' vettura li skond hu stess il-prezz taghha ma thallasx kollu mal-konsenja, kif wara kollox tixhed l-istess skrittura. L-attur ghazel li jipprocedi bil-kawza fil-konfront tal-konvenuta biss u mhux kontra zewgha wkoll, u fl-ebda stadju tal-kawza sa ma din thalliet ghas-sentenza ma talab il-kjamata tar-ragel tal-konvenuta fil-kawza. Fid-dawl

ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 1322(2) tal-Kodici Civili, l-azzjoni attrici riedet tkun diretta mhux biss fil-konfront tal-konvenuta wahedha izda wkoll fil-konfront ta’ zewgha. Konsegwentement il-gudizzju mhuwiex integru u hemm lok ghall-liberazzjoni tal-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, u t-tieni eccezzjoni ghalhekk ser tintlaqa’.

Ghalkemm dan it-Tribunal jista’ jieqaf hawn u ma jdiholx biex jezamina l-eccezzjonijiet l-ohra mqajma mill-konvenuta, dawn pero’ ser jidhol fihom xorta wahda u ser jiddeciedi dwarhom ukoll. Dwar jekk l-attur ghandux interess guridiku li jaghmel din il-kawza, dan huwa wkoll ferm dubbjuz billi mill-provi jirrizulta car li l-vettura qatt ma kienet tieghu izda ta’ certu Joseph Demicoli, u t-trasferiment tal-vettura sar minn duq dan Joseph Demicoli direttament ghal fuq il-konvenuta. L-azzjoni ghall-hlas kienet ghalhekk tispetta lil sid il-vettura, liema sid ma jirrizultax mill-atti li qatt kien l-attur. Il-kuntratt li fuqu l-attur qed jibbaza l-kawza tieghu fuqu ma jistax jitqies wiehed validu billi l-attur ipprezenta ruhhu bhala sid tal-vettura, li fil-fatt ma kienx u b’dik l-iskrittura biegh haga lill-konvenuta li mill-atti jirrizulta li ma kenitx tieghu. Mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet tal-Vetturi jirrizulta li dan Joseph Demicoli kien thallas il-prezz kollu tal-vettura tant li minn fuq din il-vettura kienet tnehhiet kull restrizzjoni fuq it-trasferiment taghha, u l-vettura kienet giet sussegwentement ittrasferita minn fuq il-konvenuta ghal fuq binha James Cardona. L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu; b) dirett u personali : fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur [Prim’Awla, **John Muscat et vs Rachelle Buttigieg et**, 27/03/1990]. Ezaminati il-fatti fid-dawl ta’ dawn l-elementi, dan it-Tribunal ma jistax jara li l-attur ghandu dan l-interess guridiku rikjest mill-ligi biex

jistitwixxi b'success l-azzjoni, u din l-eccezzjoni sejra ghalhekk tintlaqa' wkoll.

Anke' l-eccezzjoni li l-azzjoni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar fit-termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili hija wkoll sostenibbli. Jirrizulta mill-atti u mix-xhieda tal-istess attur li huwa qatt ma baghat ebda ittra ufficjali lill-konvenuta bejn Settembru 1999 u Dicembru 2005. Skond hu m'ghamilx dan il-ghaliex il-konvenuta kienet twieghedu li kienet sejra thallas, liema dikjarazzjoni tinsab kontradetta mill-konvenuta li tichad li ghandha taghti lill-attur, u li hija mhija debitrici lejh f'ebda ammont ta' flus. Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ma harisx bizzejjed tajjeb l-interessi tieghu, u dan it-Tribunal mhuwiex konvint b'din id-dikjarazzjoni tal-attur meta halla daqstant zmien jghaddi, u mill-provi jirrizulta li mad-Dipartiment tal-Licenzji u Testijiet tal-Vetturi sa kienet tnehhiet kull restrizzjoni fuq it-trasferiment ta' din il-vettura billi l-prezz tal-bejgh taghha kien thallas kollu, u t-trasferiment mill-konvenuta ghal fuq binha James Cardona seta' jsir, u effettivament sar. Il-preskrizzjoni estintiva tippenalizza lil dak il-kreditur illi ma jharisx l-interessi tieghu billi *vigilantibus non dormientibus iura subveniunt*. Din l-eccezzjoni hija ghalhekk ukoll ta' ostakolu ghat-talba attrici, u stante li giet ippruvata wkoll ser tintlaqa' minn dan it-Tribunal.

A rigward l-eccezzjoni li l-iskrittura dokument A tas-6 ta' Settembru 1999, li fuqha l-attur qed isejjes il-mertu tal-kawza odjerna, hija nulla billi hija milquta minn kawza illecita, u ghalhekk l-attur ma jistax jenforzaha, bil-konsegwenza li l-konvenuta ghandha tigi lliberata mid-domanda attrici, ghalkemm dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti li jidhol fi kwistjoniiet ta' dikjarazzjoni ta' nullita' tal-iskrittura li saret bejn il-partijiet, jirrizulta car mill-provi hawn fuq elenkati li l-attur ma kienx is-sid tal-vettura, u biegh haga lill-konvenuta li ma kenitx tieghu, u l-bejgh ta' haga ta' haddiehor huwa null [artikolu 1372 tal-Kodici Civili]. Bejn is-sid tal-vettura u cioe' Joseph Demicoli u l-konvenuta ma saret ebda skrittura privata. Fil-kawza : **Spiro Spiteri vs Carmelo Dingli**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Frar 1959 [Vol. XLIII.II.639], il-

partijiet kienu ghamlu tpartit ta’ motor cars bejniethom, l-attur ta lill-konvenut motor car “Ford Prefect”, u l-konvenut tah “Morris Oxford” u Lm105. It-tpartit sar, pero’ l-konvenut hallas biss Lm80 u ma riedx ihallas il-bilanc ta’ Lm25. L-attur talab il-kundanna tal-konvenut biex ihallas dawk il-Lm25. Il-Qorti lanqas biss semghetu. “Fin-nuqqas tal-formalita’ tal-iskrittura f’kaz ta’ trasferiment jew twellija ta’ motor car, kif kien rikjest taht l-Ordinanza dwar it-Taxxa tal-Boll, dak it-trasferiment jew twellija ma jkunx jiswa bhala titolu f’kawza”. L-istess gie deciz fil-kawza : **Harry Falzon vs Carmelo Tanti**, mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta’ Dicembru 1956 (Vol.XL.I.583). La darba il-ftehim li sar bejn il-partijiet huwa llecitu u null, ebda konsegwenza ma tista’ titnissel minnu. Din l-eccezzjoni hija ghalhekk sostenibbli, u ser tigi milqugha wkoll.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed ghalhekk jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta bl-ispejjez kontra taghha, qed jilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha l-ohra hawn fuq trattati, u qed jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------